IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.11.2015
COM(2015) 577 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċitu tas-setgħa li tadotta l-atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċitu tas-setgħa li tadotta l-atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej

1. KUNTEST

L-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej[1] jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-atti delegati. Skont l-Artikolu 9(2) ta' dak ir-Regolament, is-setgħa li tadotta l-atti delegati tingħata għal perjodu ta' ħames snin mill-11 ta' Awwissu 2011. Din is-setgħa se tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' ħames snin, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni għal din l-estensjoni minnaħa tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport r-rigward id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin.

Ir-rapport qasir preżenti jissodisfa dan l-obbligu.

2. L-EŻERĊITU MILL-KUMMISSJONI TAS-SETGĦAT IDDELEGATI SKONT IR-REGOLAMENT (UE) NRU 691/2011

Il-Kummissjoni għadha ma eżerċitatx is-setgħat li tadotta l-atti delegati li ngħatawlha bir-Regolament (UE) Nru 691/2011. Ir-raġunijiet huma dawn li ġejjin: is-setgħat iddelegati fl-Artikolu 3(3) huma mis-sena 2011, iżda l-ewwel trażmissjoni tad-dejta statistika saret fl-2013, bi qbil mar-Regolament (UE) Nru 691/2011. Mill-2013 'l hawn ma kien hemm bżonn la ta' aġġornament u lanqas li tingħata gwida dwar l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(3).

Rigward is-setgħat iddelegati fl-Artikolu 3(4), dawn is-setgħat bdew mis-sena 2014, billi ngħataw bir-Regolament (UE) Nru 538/2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 691/2011. Il-Kummissjoni biħsiebha teżerċita s-setgħat stipulati fl-Artikolu 3(4) biex tadotta att delegat li jispeċifika l-prodotti tal-enerġija msemmijin fit-Taqsima 3 tal-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 691/2011. Dan l-att qiegħed jitħejja u huwa skedat għall-adozzjoni fl-aħħar tliet xhur tal-2015. Lista ta' prodotti tal-enerġija għall-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej hija element essenzjali biex ikun jista' jiġi ddeterminat l-ambitu ta' din l-istatistika, biex tkun tista' titqabbel id-dejta bejn pajjiż u ieħor, u biex tkun żgurata l-konsistenza interna (il-bilanċ) tal-kontijiet tal-fluss tal-enerġija fiżika. Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija[2] jagħti lista ta' prodotti tal-enerġija fl-Anness B li fiha l-maġġoranza tal-prodotti tal-enerġija meħtieġa fil-kontijiet tal-fluss tal-enerġija fiżika.

[1] ĠU L 192, 22.7.2011, p. 1.

[2] ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1.

Qegħdin jitwettqu l-konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol ta' tħejjija, anki fil-livell espert. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kontijiet Ambjentali u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistika tan-Nefqa Ambjentali ġew ikkonsultati waqt laqgħa konġunta f'Marzu tal-2015. Id-Diretturi tal-istatistiki u l-kontijiet settorjali u ambjentali (DIMESA) ġew ikkonsultati f'Ġunju tal-2015.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, it-tnejn li huma ġew infurmati dwar il-laqgħat tal-esperti u ġew mistiedna biex jieħdu sehem.

3. KONKLUŻJONIJIET

Għadha ma tistax issir konklużjoni, billi s-setgħa li tadotta l-atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej għadha ma ġietx eżerċitata.